# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Preliminari Nru 2724

**Kaz Nru. 3913/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Ian Caldicott (Passaport Ingliz Nru. 520523806)**

**u**

**Methode Electronics Malta Ltd. (C 664)**

*dwar allegazzjoni ta' tkeccija mill-impjieg li hi ngusta u dwar allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju*

**Chairman: Dr Geoffrey Vella LL.D.**

Illum it-Tlieta 13 t'April, 2021

It-Tribunal,

Illi fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2020 saret talba mis-socjeta` ntimata sabiex dan it-Tribunal "***jissoprasjedi sakemm jigu ezawriti dawk il-proceduri***" minhabba lment li sar mir-rikorrent, Ian Caldicott quddiem l-ufficcju tal-*Information and Data Protection Commissioner* ('**IDPC**').

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ikkonceda zmien lill-partijiet sabiex iressqu l-argumenti taghhom permezz ta' nota ta' sottomissjonjiet u kif ukoll saret trattazzjoni orali mir-rapprezentanti legali tal-partijiet f'din il-kwistjonji ta' xoghol.

Dan it-Tribunal ra kemm in-nota tar-rikorrent u kif ukoll in-nota tas-socjeta` ntimata, u kif ukoll ha konjizzjoni tat-trattazzjoni li saret fis-seduta tad-9 ta' Frar 2021.

## Konsiderazzjonjiet tat-Tribunal

Illi t-Tribunal jinnota li f'din il-kwistjoni ta' xoghol is-socjeta ntimata ssollevat l-eccezzjoni tas-soprasessjoni fejn is-socjeta` ntimata qieghda titlob lil dan it-Tribunal sabiex jissopprasjedi peress li hemm proceduri quddiem il-Kummissarju tad-Data. Illi din il-mizura hija ta' natura eccezzjonali u kif ukoll fakoltattiva.

Illi mid-diversi decizjonjiet moghtija mill-Qrati nostrani u li dan it-Tribunal ikkonsulta dwarhom fuq din il-materja, fejn din l-eccezzjoni tigi ssolevata sabiex jitwaqqfu proceduri li jkunu gew inizjati. Illi l-iskop ta' tali eccezzjoni hu dak li tiffrena l-prosegwiment tal-proceduri u dan sakemm tinqata` l-kwistjoni li dwarha tkun giet issollevata din l-eccezzjoni.

Fid-decizjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali, fl-ismijiet Lawerence Cuschieri vs L-Onorevoli Prim Ministru nomine et, deciza fit-12 ta' Awwissu 1994. L-Qorti Kostituzzjonali irreteniet:

> "...dawn il-kazijiet huma ikkunsidrati tant eccezzjonali illi – kif jiddisponi l-istess artikolu – huma soggetti ghal perikolu ta' dezerzjoni jekk kemm-il darba l-parti interessata ma attentatx biex fi zmien qasir tirraviva l-kawza sospiza. Izda jidher car li dawn is-sosspensjonijiet huma fakoltativi ghall-Qorti u mhux obbligatorji u infatti jibqghu dejjem apprezzabbilment aleatorji u ghalhekk appenna ttolerati fis-sistema guridiku, tant illi din il-fakolta' ta' soprasessjoni hija msemmija f'dik il-parti tal-Kodici ta' Procedura li titratta mid-dezerzjonijiet prezunti tal-kawzi.
>
> L-eccezzjoni ta' soprasessjoni fis-sens illi l-Qorti ghandha tieqaf milli tkompli tisma' kawza bhala tali, fis-sistema taghna m'hijiex kontemplata, ghaliex l-eccezzjoni li l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) jikkontempla, hija l-eccezzjoni maghrufa bhala *lis alibi pendens* li pero' - kif jidher sewwa mill-artikoli 792 sa 794 - tirriferixxi ghal dik is-sitwazzjoni guridika li tinholoq[1]".

Fid-Digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qort Civili, datat 12 ta' Jannar 2017, per l-Onorevoli Mhallef, Lorraine Schembri Orland LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit, dwar din il-materja, f'dan id-Digriet gie ritenut:-

> "Illi l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijet li jippronunzjaw ruhhom dwar talba simili u huma konkordi li s-soprasessjoni huwa rimedju eccezzjonali peress li tiffrena kawza u zzommha milli tinqata' bi speditezza fi zmien ragjonevoli. (Ara sentenza fl-ismijiet Dott. Alfred Mifsud v. Onor. Prim Ministru, Q.K. - deciza fl-20 ta' Lulju, 1994).
>
> Tant hu hekk li l-Qrati taghna sostnew li s-sistema giuridika taghna kienet tikkontempla biss l-eccezzjoni tal-lis alibi pendens u l-konnessjoni ta' azzjonijiet, u li s-soprasessjoni bhala istitut kienet giet introdotta biss permezz tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni (u 4(3) tal-Kap 319) fil-kuntest ta' riferenza ta' kwistjoni kostituzzjonali (jew konvenzjonali). Hekk gie espress fil-kaz fl-ismijiet Lawrence Cuschieri vs Onorevoli Prim Ministru nomine et. – QK - 12 ta' Awwissu 1994 fejn il-Qorti issenjalat li s-soprasessjoni tista' tipparalizza totalment il-funzjonament tal-Qrati u l-amministrazzjoni tal-gustizzja.
>
> Madanakollu traccjata l-gurisprudenza f'dan ir-rigward insibu li provvediment dwar soprasessjoni huwa mholli ghal kollox fiddiskrezzjoni tal-Qorti"[2].

Illi dan it-Tribunal jinnota li l-argumenti tas-socjeta` ntimata huma bbazati fuq il-fatt li hemm ukoll proceduri quddiem l-IDPC, fejn ir-rikorrent hassu aggaravat peress li talab lis-socjeta` ntimata sabiex taghtih id-data personali tieghu, u li s-socjeta` ntimata naqset li tghaddilu din l-informazzjoni fl-intier taghha.

---

[1] Qorti Kostituzzjonali – 12 ta' Awwissu 1994, Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru - Kollez. Vol: LXXVIII.i.171).

[2] Qorti Civli - Prim Awla – 12 ta' Jannar 2017, Onorevoli Mhallef Lorraine Schembri Orland LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit, Rikors Nru: 377/2016/LSO, fl-ismijiet, Mark u Josielle konjugi Gaffarena vs Sergio Rubei u martu Marita Rubei pro er noe.

Illi r-rapprezentanta legali tas-socjeta` ntimata qieghda ssostni li jekk dan it-Tribunal ma jissoprassjedix s-socjeta` ntimata tkun ippregudikata minhabba li tista' ssib ruhha f'sitwazzjoni fejn, "*ma tkunx tista' tiggieled ghal kwalunkwe allegazzjoni ill l-istess rikorrenti jipprova jaghmel permezz ta' tali emails/dokumenti*"[3].

Illi in oltre, fl-istess nota s-socjeta` ntimata tirrileva li jekk ir-rikorrent jinghata kopja ta' dawn l-emails jew dokumenti, l-istess rikorrent jista' juza dawn l-emails/dokumenti b'mod malizzjuz u ghalhekk ir-rikorrent mhuwiex in *bona fede*.

In oltre, ssir referenza ghad-dritt ta' smiegh xieraq da parti tas-socjeta` ntimata b'referenza ghall-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll ghall-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem (ECHR), u dan b'referenza ghal diversi decizjonijiet moghtija mill-istess ECHR.

Fl-istess nota s-socjeta` ntimata taghti r-ragunijiet taghha ghaliex tkun pregudikata jekk it-talba taghha ghas-soprasessjoni ma tigix milqugha, fejn sostniet li s-socjeta` ntimata taf tirriskontra problemi dwar il-mod kif jixhdu certi xhieda li jkun aktar fit-tul u aktar elaborat sabiex ipoggu f'kuntest akbar l-emails/ dokumenti li jkun ordna l-IDPC li ghandhom jigu prodotti. Li jaf ikun hemm il-bzonn ta' aktar xhieda u kif ukoll l-istess IDPC ikun hemm bzonn li jitharrek bhala xhud. Hemm il-biza' wkoll li jekk is-socjeta` ntimata tkun ghalqet il-provi, u dan minaghajr ma tkun hadet in konsiderazzjoni ta' dawk l-emails/dokumenti, u wara tigi ordnata li tipprezenthom lir-rikorrent mill-IDPC, s-socjeta` ntimata tkun tilfet l-opportunita` li taghmel dawk l-osservazzjonjiet dwarhom u kif ukoll tkun tilfet ukoll l-opportunita` li tressaq dawk ix-xhieda sabiex jixhdu dwarhom[4].

Is-socjeta` ntimata, in oltre, tishaq li l-oneru tal-prova huwa fuqha u ghalhekk hija f'qaghda zvantaggata li tibda bil-provi. Fl-istess nota s-socjeta` ntimata ssostni li ma hemm l-ebda alternattiva ghas-soprasessjoni u dan peress li r-rikorrent jista juza l-emails/dokumenti bhala prova li s-socjeta` ntimata ma temmitx l-impieg tieghu minhabba *redundancy* izda ghal skop iehor.

Illi dan it-Tribunal jinnota li l-argumenti tas-socjeta` ntimata huma bbazati fuq supposizzjonijiet li r-rikorrent jista' juza dawn l-emails/dokumenti b'mod malizzjuz, u ghalhekk minhabba dan l-argument tas-socjeta` ntimata dan it-Tribunal ghandu jissoprassjedi.

Illi kif gia sar accenn il-gurisprudenza nostrana dejjem qieset din l-eccezzjoni bhala xi haga straodrinarja u dan peress li l-procidementi gudizzjarji jigu ffrenati u b'hekk jinholoq dewmien fl-amministarzzjoni tal-gustizzja.

Illi fis-sitwazzjoni odjerna hemm zewg procedimenti li jinsabu ghaddejjin simultanjament, wahda quddiem IDPC u l-ohra quddiem dan it-Tribunal. Hawnhekk it-Tribunal jinnota li kemm il-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data u kif ukoll it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, u t-Tribunal Industrijali huma regolati permezz ta' ligijiet *ad hoc.* IDPC huwa mwaqqaf permezz tal-Att dwar il-Privatezza tad-Data, Kap 586 tal-Ligijiet ta' Malta, mentri t-Tribunal Industrijali huwa regolat permezz tal- Att dwar

---

[3] Nota tas-socjeta` ntimata, pagna 2.

[4] Ibid, pagna 4.

l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk kemm l-IDPC u kif ukoll it-Tribunal Industrijali huma separati minn xulxin permezz tal-Atti citati.

Illi artikolu 792 ta' Kap 12 jistipula s-segwenti:-

> Meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-qorti l-oħra.

Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal jaqbel mall-argumenti tar-rikorrent fejn sostna li IDPC huwa ufficcju ndipendenti, "*b'karigi u obbligi precizi u ben stabiliti*[5]". Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, Axel Johnson Internal AB vs Aluminium Extrusions Limited, fil-21 ta' Frar 2001, per Onor. Mhallef. Geoffrey Valencia. Illi f'din id-decizjoni, u li r-rikorrent jaghmel referenza ghaliha fin-nota tieghu, nsibu erba' punti li l-Qorti telenka u li huma necessarji sabiex il-Qorti tilqa' talba ghas-soprasessjoni[6]. Dawn l-erba' punti huma: -

a) Meta hu spedjenti li taghmel hekk; (Vol 39 p 1 p467 Galea vs Galea u App.Civ. Cassar vs Xuereb 12.3.73;)
b) Meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li tiddependi minn kawza ohra Vol XLVI p2 p 591;
c) Il-Qorti m'ghandhiex tordna is-soprasessjoni jekk il-parti l-ohra tkun ser tbati pregudizzju;
d) Is-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u ghandu jigi applikat biss jekk hu necessarju fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. (Vol XL1 p1 p 507)[7].

Illi dan it-Tribunal in oltre, wara li ukoll ra s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, mill-Onor. Mhallef Anna Felice, fl-ismijiet AV. Dr. Pio Maria Valletta vs Rosalie Darmanin, liema sentenza taghmel referenza ghal diversi decizjonjiet ohra dwar din il-materja, fejn din il-Qorti irriteniet li:-

> "Issa l-Qrati Maltin kellhom diversi okkazzjonijiet fejn ippronuncjaw ruhhom dwar l-ezercizzju ta` din il-fakolta`.
> Mid-diversi sentenzi johorgu zewg principji fondamentali:
> 1. l-obbligu ta` kull Qorti li tisma` u tiddeciedi kull kawza fi zmien ragonevoli skond ic-cirkostanzi tal-kaz partikolari; u
> 2. li bhala tali s-soprassjoni m`hijiex komtemplata fis-sistema guridiku Malti tilef f`kazijiet ta` *'lis alibi pendens'* u l-konnessjoni ta` kawzi; li pero` huma istituti differenti u dawn kif tajjeb enuncjati fis-sentenza (Onor. Imh. A. Depasquale vs Avukat Generali) (1 ta` Gunju, 2001).
> Wiehed jinnota wkoll dak li qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Dottor Alfred Mifsud vs Onorevoli Prim Ministru deciza fl-20 ta` Lulju, 1994. *"Is-sopprassessjoni hija, minnha nnifisha mizura eccezzjonalissima ghaliex tiffrena l-andament normali ta` kawza b`mod billi twaqqaf ghalhekk dik l-ispeditezza li tesigi l-gustizzja biex kull kawza tinqata` fi zmien ragonevoli".*
> Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza *"Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru"* kif citata fid-decizjoni gia msemmija: (Onorevoli Imhallef A. Depasquale vs Avukat Generali)"[8].

---

[5] Risposta tar-Rikorrent, paragrafu 33, pagna 6.
[6] Prim Awla Tal-Qorti Civili, 145/00/GV, Onor. Mhallef Geoffrey Valencia LL.D. – 21 ta' Frar 2001, Axel Johnson Internal AB vs Aluminium Extrusions Limited.
[7] Nota tar-rikorrent pagna 7.
[8] Prim Awla ta-Qorti Cvili, Citazzjoni Numru. 850/2004, deciza 2 ta' Mejju 2007, per Onor. Mhallef Anna Felice, fl-ismijiet, Av. Dr. Pio Maria Valletta vs Rosalie Darmanin.

Illi minn din il-gurisprudenza nostrana dan it-Tribunal hu tal-fehma li t-talba ghal soprasessjoni kif mitluba mis-socjeta` ntimata ma hijiex necessarja u dan ghaliex se twaqqaf l-andament ta' din il-Kwsitjoni ta' Xoghol. In oltre, wiehed irid jiehu kont tal-fatt li l-procedura li hemm quddiem il-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data huwa **biss** ilment li ghamel ir-rikorrent sabiex jinghata lura emails u dokumenti mis-socjeta` ntimata. Illi kif gie ritenut fid-decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali, fit-18 t'April 2008, fejn it-Tribunal sostna:-

> "Illi l-iskop tas-soprasessjoni huwa kif diga inghad li jiffrena proceduri attwali vigenti. Allura trid tkun akbar ic-certezza f'mohh il-gudikant li tkun necessarja. Dana sabiex issir gustizzja ma dik il-parti li tidher quddiem Qorti jew Tribunal. Il-Qorti jew it-Tribunal ghandhu jkun ta' suffragju ghac-cittadin li jirrikorri lejh, mhux mezz stultifikattiv ghall esercizzju ta' dak allegat dritt![9]"

Illi tenut kont ta' dawn l-insenjamenti mill-Qrati taghna dwar il-materja tas-soprasessjoni dan it-Tribunal iqis li t-talba tas-socjeta` ntimata ma ghandhiex tintlaqa' u dan stante li kif jirrizulta mill-Kap 586, fejn il-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data – IDPC ma huwiex Qorti jew Tribunal kif ikkontemplat f'artikolu 792 ta' Kap 12. IDPC qieghed hemm sabiex jisma' lmenti mressqa quddiemu u dan skont id-dispozizzjonjiet ta' Kap 586 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-banda l-ohra t-Tribunal Industrijali huwa ukoll regolat b'ligi *ad hoc*, ossia b'Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk distint u separat minn Kap 586.

Illi ghal dawn il-motivi sopra citati t-Tribunal qieghed jichad it-talba tas-socjeta` ntimata, Methode Eletronics Malta Ltd u jordna l-prosegwiment ta' din il-Kwistjoni ta' Xoghol.

**(Iffirmat)**

**Dr Geoffrey Vella**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**

---

[9] Tribunal Industrijali – Decizjoni Preliminari Nru: 1852, Fil-Kwistjoni ta' Xoghol Nru: 2437, fl-ismijiet Josephine Attard Sultana vs Tony Zarb et, deciza 18 ta' April 2008, Chairman – Av. Dr. Joseph P. Bonnici, LL.D., Adv. Trib. Eccles. Melit.